IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 16.11.2017
COM(2017) 665 final

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## Rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi fl-Istati Membri għall-perjodu 2012-2014

**Rapport mill-Kummissjoni**

# RAPPORT DWAR L-APPLIKAZZJONI TAD-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 96/82/KE DWAR IL-KONTROLL TA' PERIKOLI TA' AĊĊIDENTI KBAR FL-UŻU TA' SUSTANZI PERIKOLUŻI FL-ISTATI MEMBRI GĦALL-PERJODU 2012-2014

## Werrej


1. INTRODUZZJONI ..... 2
2. SOMMARJU TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI ..... 4
   2.1. Għadd ta' stabbilimenti ..... 4
   2.2. Miżuri ta' ġestjoni tar-riskji ..... 5
      2.2.1. Tħejjija ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni (EEP) ..... 6
      2.2.2. Ittestjar u reviżjoni ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni ..... 7
      2.2.3. Informazzjoni għall-pubbliku ..... 8
   2.3. Spezzjonijiet ..... 9
3. STATISTIKA DWAR L-INĊIDENTI L-KBAR MAGĦMULA EMARS ..... 12
4. KONKLUŻJONIJIET U L-PASSI LI JMISS ..... 16


## 1. INTRODUZZJONI

L-inċidenti l-kbar li jinvolvu sustanzi perikolużi huma ta' theddida sinifikanti għall-bnedmin u għall-ambjent. Barra minn hekk, dawn l-inċidenti jikkawżaw telf ekonomiku sostanzjali u jfixklu t-tkabbir sostenibbli. Fl-istess waqt, l-użu ta' kwantitajiet kbar ta' sustanzi perikolużi huwa inevitabbli f'xi setturi tal-industrija li huma kruċjali għal soċjetà industrijali moderna. Jeħtieġ li jittieħdu miżuri li jnaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji assoċjati biex jiġu evitati inċidenti kbar u biex jiġu żgurati t-tħejjija u r-rispons xierqa jekk xi darba jseħħu dawn l-inċidenti.

Id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE[1] dwar il-kontroll ta' perikoli ta' aċċidenti kbar fl-użu ta' sustanzi perikolużi ("id-Direttiva Seveso II") tipprevedi l-qafas rilevanti dwar il-

[1] Id-Direttiva 96/82/KE, ĠU L 10, 14.1.1997, p.13; emendata bid-Direttiva 2003/105/KE, ĠU L 345, 31.12.2003, p. 97

miżuri ta' ġestjoni tar-riskju biex jiġu evitati l-inċidenti l-kbar u biex jiġu limitati l-konsegwenzi tagħhom. Sadanittant, id-Direttiva Seveso II kienet issostitwita bid-Direttiva 2012/18/UE[2] ("id-Direttiva Seveso III") li kellha tiġi trasposta mill-Istati Membri sal-31 ta' Mejju 2015.

Skont l-Artikolu 19(4) tad-Direttiva Seveso II, kull tliet snin l-Istati Membri għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso II. Il-Kummissjoni għandha tippubblika taqsira ta' din l-informazzjoni kull tliet snin. Dan ir-rapport prinċipalment jipprovdi dan is-sommarju għall-perjodu 2012-2014. Barra minn hekk, is-sostituzzjoni tad-Direttiva Seveso II bid-Direttiva Seveso III tirrappreżenta opportunità biex jiġi vvalutat mhux biss l-aħħar perjodu ta' rappurtar, iżda wkoll il-progress ġenerali li sar matul il-perjodu ta' implimentazzjoni tad-Direttiva Seveso II.

Il-Kapitolu 2 ta' dan ir-rapport jiġbor fil-qosor l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri abbażi ta' kwestjonarju[3], li ffoka fuq l-oqsma problematiċi identifikati preċedentement. L-għan ta' din il-ġabra fil-qosor huwa li jiġi vvalutat il-livell ta' implimentazzjoni u li jiġi identifikat kull nuqqas li jeħtieġ jiġi indirizzat. Il-Kapitolu 3 jissupplimenta dan b'data dwar l-inċidenti li tirriżulta minn analiżi tal-bażi tad-data eMARS[4], imħaddma mill-Uffiċċju dwar il-Perikoli ta' Inċidenti Kbar (Major Accident Hazard Bureau) taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri. Il-Kapitolu 4 jinkludi l-konklużjonijiet u l-passi li jmiss.

Simili għall-valutazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni nnominat fornitur estern tas-servizz biex janalizza r-rapporti pprovduti mill-Istati Membri, kif ukoll data oħra rilevanti. L-istudju li sar mill-kuntrattur huwa disponibbli fl-EU Bookshop[5] u jipprovdi analiżi dettaljata tal-informazzjoni rrappurtata, inkluża analiżi għal kull Stat Membru u informazzjoni oħra disponibbli.

Il-kontribuzzjonijiet sħaħ tat-28 Stat Membru u l-kontribuzzjoni volontarja tan-Norveġja, kif ukoll il-kwestjonarju, ir-rapporti preċedenti għall-perjodi 2000-2002[6], 2003-2005[7] u 2006-2008[8], u 2009-2011[9] jinsabu online fuq CIRCABC[10].

---

[2] Id-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/82/KE, Test b'relevanza għaż-ŻEE, ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1-37

[3] Id-Dokument C(2011) 4598 finali, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Ġunju 2011

[4] Sistema ta' Rappurtar ta' Inċidenti Kbar (https://emars.jrc.ec.europa.eu)

[5] https://publications.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/26c9aa63-523e-11e7-a5ca-01aa75ed71a1

[6] Id-Dokument C(2004)3335

[7] Id-Dokument C(2007)3842

[8] Id-Dokument C(2010)5422 finali

[9] Id-Dokument C(2013)4035 final

## 2. SOMMARJU TAR-RAPPORTI TAL-ISTATI MEMBRI

It-28 Stat Membru kollha ppreżentaw ir-rapporti tagħhom ta' kull tliet snin lill-Kummissjoni Ewropea.

### 2.1. Għadd ta' stabbilimenti[11]

L-Istati Membri rrapportaw total ta' 11297 stabbiliment li jaqgħu taħt id-Direttiva Seveso II. Dan jikkostitwixxi żieda netta ta' 983 stabbiliment meta mqabbel mal-2011 (10314-il stabbiliment), li l-biċċa l-kbira tagħhom huma stabbilimenti ta' livell aktar baxx (Lower-Tier Establishments - LTE) (756) u l-bqija huma stabbilimenti ta' livell ogħla (Upper-Tier Establishments - UTE) (227). Għalkemm kważi l-Istati Membri kollha rrappurtaw żieda, parti sinifikanti minn din iż-żieda seħħet fil-Ġermanja (+859 stabbiliment). Mid-data disponibbli huwa diffiċli biex dak li jkun jifhem għala seħħet din iż-żieda (xi raġunijiet possibbli huma: l-espansjoni ekonomika, l-implimentazzjoni aħjar jew il-klassifikazzjoni aktar stretta tas-sustanzi perikolużi).

**Illustrazzjoni 1: Għadd ta' stabbilimenti Seveso fl-2014**




Kif jidher fl-Illustrazzjoni 2, wieħed jista' josserva żieda bil-mod imma kostanti fl-għadd ta' stabbilimenti koperti b'din id-Direttiva. Dan irid jitqiegħed fil-kuntest tat-tliet rawnds ta' tkabbir (2004, 2007 u 2013) li saru f'dan il-perjodu taż-żieda kontinwa tal-għarfien dwar is-sustanzi perikolużi, tat-tkabbir ekonomiku u tal-implimentazzjoni aħjar. Id-data

[10] https://circabc.europa.eu/faces/jsp/extension/wai/navigation/container.jsp

[11] Abbażi tar-rapporti tal-Istati Membri

dwar l-istabbilimenti ta' livell aktar baxx ma bdietx tiġi rrappurtata qabel il-perjodu ta' rappurtar 2009-2011.

**Illustrazzjoni 2: Evoluzzjoni tal-għadd ta' stabbilimenti rrappurtati**[12]




Fost it-48 attività użata biex jiġu kkategorizzati l-istabbilimenti Seveso, erba' attivitajiet jirrappreżentaw kważi 40 % tal-istabbilimenti:

(1) Sustanzi kimiċi ġenerali (763 stabbiliment = 12.3 %)

(2) Ħżin tal-fjwuil (650 stabbiliment = 10.5 %)

(3) Bejgħ bl-ingrossa u bejgħ bl-imnut (553 stabbiliment = 8.9 %);

(4) Produzzjoni, ibbottiljar u tqassim fi kwantitajiet kbar tal-LNG (465 stabbiliment = 7.5 %)

### 2.2. Miżuri ta' ġestjoni tar-riskji

It-tħejjija tar-rapporti dwar is-sikurezza (li tinkludi t-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju), il-pjanijiet ta' emerġenza għall-istabbilimenti ta' livell ogħla, il-miżuri biex jinformaw lill-pubbliku kif ukoll l-ispezzjonijiet huma l-pilastri ewlenin ta' prevenzjoni u ta' tħejjija għall-inċidenti l-kbar.

[12] Id-data tal-1996 u l-1999 mhijiex kompletament komparabbli minħabba d-definizzjonijiet differenti tal-istabbilimenti u tal-impjanti. Jista' jkun li diversi impjanti li jinsabu fl-istess stabbiliment ġew irrappurtati b'mod individwali, li jispjega t-tnaqqis apparenti fl-2002.

Il-valutazzjonijiet preċedenti tal-applikazzjoni tad-Direttiva Seveso II ma wrew l-ebda nuqqas sistematiku tal-operaturi fit-tħejjija tar-rapporti dwar is-sikurezza u tal-pjanijiet ta’ emerġenza interni. Għalhekk, għall-perjodu ta’ rappurtar 2011-2014 din il-kwistjoni ma baqgħetx aktar parti mill-kwestjonarju.

Id-Direttiva Seveso II timponi diversi obbligi fuq l-awtoritajiet kompetenti, fosthom l-aktar importanti huma: li jkunu eżaminati r-rapporti dwar is-sikurezza u li jkunu kkomunikati l-konklużjonijiet tagħhom lill-operatur, li jitfasslu l-pjanijiet ta’ emerġenza esterni (EEP), li jkun żgurat li l-pubbliku li jista’ jkun affettwat minn inċident kbir ikun informat dwar il-miżuri ta’ sikurezza, li jsiru spezzjonijiet, li jkunu identifikati gruppi ta’ stabbilimenti li possibbilment jista’ jkollhom effetti domino, u li jitqiesu l-implikazzjonijiet tal-perikoli ta’ inċidenti kbar fl-ippjanar tal-użu tal-art.

### 2.2.1. *Tħejjija ta’ pjanijiet ta’ emerġenza esterni (EEP)*

Il-pjanijiet ta’ emerġenza esterni għandhom jitħejjew mill-awtoritajiet għall-istabbilimenti ta’ livell ogħla. Dawn il-pjanijiet huma importanti biex ikun hemm rispons rapidu u koordinat għal inċidenti kbar u għandhom rwol kruċjali biex jiġu mminimizzati l-effetti tal-inċidenti.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għamlu progress tajjeb matul dawn l-aħħar perjodi ta’ rappurtar biex jiġi żgurat li qed jitfasslu pjanijiet ta’ emerġenza esterni, iżda bħala medja, ma kien hemm l-ebda progress ulterjuri meta mqabbel mal-aħħar perjodu ta’ rappurtar. Sa tmiem il-perjodu ta’ rappurtar, 407[13] stabbilimenti ta’ livell ogħla ma kinux koperti minn pjan ta’ emerġenza esterni, li jirrappreżenta 8 % tat-total tal-istabbilimenti ta’ livell ogħla fil-livell tal-UE (2010: 7 %).

**Illustrazzjoni 3: Stabbilimenti ta’ livell ogħla bi pjanijiet ta’ emerġenza esterni**




[13] Din id-data teskludi l-187 stabbiliment li għalihom l-awtoritajiet kompetenti ddeċidew li ma kienx hemm bżonn pjan ta’ emerġenza esterni b’konformità mal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva Seveso II.

Jista' jkun hemm raġunijiet validi għan-nuqqas ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni, pereżempju f'każijiet ta' stabbilimenti ġodda jew ta' bidliet kbar li saru ftit qabel it-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar. Madankollu, diversi Stati Membri rrapportaw proporzjon eċċezzjonalment kbir ta' stabbilimenti (jiġifieri aktar mill-medja ta' 8 %) li ma għandhomx pjanijiet ta' emerġenza esterni.

Ir-raġunijiet għal dan l-għadd baxx ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni jvarjaw b'mod sinifikanti. Stat Membru wieħed indika li sitta mill-awtoritajiet reġjonali tiegħu ma adottawx pjanijiet ta' emerġenza esterni. Madankollu, peress li l-Istat Membru ma ta l-ebda indikazzjoni dwar kemm-il wieħed mill-25 stabbiliment tiegħu ġew affettwati b'dan nuqqas, ma tista' ssir l-ebda kwantifikazzjoni ta' dan. Stat Membru ieħor indika li ġie żviluppat pjan ta' emerġenza esterni wieħed għall-pajjiż kollu, jiġifieri l-pjan mhuwiex speċifiku għal kull stabbiliment, u mill-informazzjoni pprovduta ma kienx ċar kif dan ġie ttestjat. Matul is-segwitu mill-Kummissjoni, dan l-Istat Membru informa li sadanittant is-sitwazzjoni kienet inbidlet u li wara l-2014 ġew prodotti u ttestjati pjanijiet ta' emerġenza esterni individwali.

### 2.2.2. *Ittestjar u reviżjoni ta' pjanijiet ta' emerġenza esterni*

Il-pjanijiet ta' emerġenza esterni jridu jkunu rriveduti u ttestjati b'intervalli ta' mhux aktar minn tliet snin bejniethom. Pjan ta' emerġenza esterna li ma jiġix aġġornat jew li ma jkunx ittestjat jista' jwassal għall-fatalitajiet f'każ ta' emerġenza.

B'mod ġenerali, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sar xi progress matul l-aħħar perjodi ta' rappurtar fir-rigward tal-ittestjar tal-EEP. Madankollu, għalkemm hemm varjazzjonijiet enormi, bħala medja ma sar l-ebda progress notevoli meta mqabbel mal-perjodu ta' rappurtar preċedenti. Matul il-perjodu ta' rappurtar 2006-2008, ġew riveduti u ttestjati 60 % tal-pjanijiet ta' livell ogħla. Fil-perjodu 2009-2011 dan il-perċentwal żdied għal 73 % u sa tmiem l-2014 laħaq il-75 %. Dan donnu jindika li l-Istati Membri qed isiru dejjem aktar effiċjenti fl-ittestjar tal-EEP, iżda għad fadal xi jsir biex tintlaħaq il-mira tal-100 %.

**Illustrazzjoni 4: Pjanijiet ta' emerġenza esterni li ġew ittestjati matul il-perjodu 2012-2014** [14]




Diversi Stati Membri rrapportaw perċentwal kbir eċċezzjonali ta' EEP li ma ġewx ittestjati. Għalkemm xi Stati Membri rnexxielhom jittestjaw il-maġġoranza tal-EEP jew tal-inqas irnexxielhom itejbu b'mod sinifikanti r-rata tal-ittestjar tagħhom, bosta Stati Membri oħra għamlu ftit li xejn progress.

Anke jekk ir-raġunijiet irrappurtati għan-nuqqas ta' ttestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni jistgħu jkunu validi, dawn ivarjaw b'mod sinifikanti. Stat Membru wieħed irrapporta li l-EEP ma setgħux jiġu ttestjati għaliex il-maġġornaza tas-servizzi ta' emerġenza kienu magħmula minn voluntiera u dan joħloq diffikultajiet fl-organizzazzjoni tat-testijiet. Stat Membru ieħor indika li kien se jkollu EEP wieħed għall-pajjiż kollu, jiġifieri mhux speċifiku għal kull stabbiliment, iżda mill-informazzjoni pprovduta ma kienx ċar kif dan ġie ttestjat. Diversi Stati Membri ma pprovdewx ġustifikazzjoni ulterjuri filwaqt li oħrajn irrappurtaw li s-sitwazzjoni kienet qed tiġi investigata. Fl-aħħar nett, xi Stati Membri informaw li l-istabbilimenti kienu ġodda jew li biddlu l-istatus tagħhom jew li ġew aġġornati dan l-aħħar, u li għalhekk ma setgħux jiġu ttestjati waqt il-perjodu ta' rappurtar.

### 2.2.3. *Informazzjoni għall-pubbliku*

Il-persuni li jistgħu jkunu affettwati minn inċident kbir għandhom jingħataw informazzjoni regolari, u mingħajr ma jkun hemm bżonn li tintalab, dwar il-miżuri ta' sikurezza u dwar l-imġiba meħtieġa f'każ ta' inċident. Id-Direttiva la tispeċifika min hu responsabbli li jagħti l-informazzjoni u lanqas kif din għandha tingħata. Il-perjodu massimu tal-intervalli għat-tixrid ta' din l-informazzjoni lill-pubbliku huwa ta' ħames snin, jiġifieri sentejn aktar mill-perjodu ta' rappurtar. Għaldaqstant, jekk din l-

[14] Din id-data teskludi l-187 stabbiliment li għalihom l-awtoritajiet kompetenti ddeċidew li ma kienx hemm bżonn pjan ta' emerġenza esterni b'konformità mal-Artikolu 11(6) tad-Direttiva Seveso II.

informazzjoni ma tingħatax matul il-perjodu ta’ rappurtar, mhux bilfors ifisser li hemm nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiti.

**Illustrazzjoni 5: Informazzjoni disponibbli għall-istabbilimenti ta’ livell ogħla matul il-perjodu 2012-2014**[15,]




Bħala medja, 81 % tal-istabbilimenti ta’ livell ogħla qiegħdu l-informazzjoni għad-dispożizzjoni tal-pubbliku u għaxar Stati Membri rrappurtaw li l-informazzjoni kienet disponibbli matul il-perjodu ta’ rappurtar għall-istabbilimenti kollha ta’ livell ogħla. Dan jinvolvi tnaqqis meta mqabbel mas-87 % fil-perjodu ta’ rappurtar preċedenti, iżda kif hemm spjegat hawn fuq, dan ma jagħtix lok għall-konklużjoni li kien hemm nuqqas ta’ konformità.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrappurtaw li din l-informazzjoni tingħata f’forma ta’ fuljetti u b’mezzi oħra ta’ komunikazzjoni (pereżempju, siti web, laqgħat pubbliċi). Ħames Stati Membri rrappurtaw li l-informazzjoni hija disponibbli biss online u li għalhekk hemm mnejn ma tilħaqx lill- persuni kollha li jistgħu jkunu affettwati minn inċident kbir. Għalkemm, jekk jintalbu, uħud minn dawn l-Istati Membri jqiegħdu din l-informazzjoni wkoll għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti jew fil-bini tal-operatur, dan jista’ ma jkunx konformi mal-ispirtu li din l-informazzjoni tkun disponibbli “mingħajr ma tintalab”. Ta’ min jinnota wkoll li f’każ ta’ inċident, għadd dejjem akbar ta’ Stati Membri qed jużaw soluzzjonijiet tal-mowbajl bħal apps ta’ twissija, SMS jew il-midja soċjali biex iwissu lil kull min jinsab fiż-żona milquta u jissuġġerixxu l-aħjar imġiba għas-sikurezza.

Ir-raġunijiet irrappurtati għala ma ngħatatx informazzjoni jvarjaw b’mod sinifikanti, pereżempju: nuqqas ta’ informazzjoni disponibbli; l-informazzjoni ngħatat qabel il-perjodu attwali ta’ rappurtar, mingħajr il-ħtieġa li tiġi aġġornata mill-ġdid; xi

[15] It-total ta’ wħud mill-valuri huwa aktar minn 100 % minħabba varjazzjonijiet fl-għadd ta’ stabbilimenti matul il-perjodu ta’ rappurtar.

stabbilimenti kienu ġodda jew saru ta' livell ogħla lejn l-aħħar tal-perjodu ta' rappurtar, għalhekk l-informazzjoni kienet għadha qed titħejja. Xi Stati Membri informaw li għandhom stabbilimenti li ma jinvolvux riskji barra mis-sit. Diversi Stati Membri indikaw li saru jafu bis-sitwazzjoni waqt ir-rappurtar u li se tkompli tiġi investigata.

### 2.3. Spezzjonijiet

Id-Direttiva Seveso II tirrekjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu sistema ta' spezzjoni u programm ta' spezzjonijiet għall-istabbilimenti kollha. L-istabbilimenti ta' livell ogħla għandhom jiġu spezzjonati kull tnax-il xahar, sakemm ma tibdix tintuża sistema ta' evalwazzjoni sistematika. 10 Stati Membri rrappurtaw li qed tiġi applikata din is-sistema.

L-Illustrazzjoni 6 turi s-sitwazzjoni ta' dawk l-Istati Membri mingħajr evalwazzjoni sistematika[16], jiġifieri dawk li l-istabbilimenti ta' livell ogħla tagħhom iridu jiġu spezzjonati kull sena. Għalkemm 12 mit-18-il Stat Membru kkonċernati jilħqu jew kważi jilħqu l-mira, għad hemm nuqqasijiet sinifikanti f'xi Stati Membri. Dawn jistgħu jiġu spjegati permezz ta': restrizzjonijiet baġitarji jew organizzattivi, nuqqas ta' informazzjoni rilevanti minn awtoritajiet kompetenti reġjonali, applikazzjoni ta' sistema mħallta li skontha l-istabbilimenti jistgħu jkunu soġġetti għal spezzjonijiet annwali (u għalhekk l-inklużjoni fl-Illustrazzjoni 6) iżda l-awtoritajiet jistgħu jnaqqsu din il-frekwenza għal darba kull 18-il xahar.

**Illustrazzjoni 6: Spezzjoni annwali tal-istabbilimenti ta' livell ogħla matul il-perjodu 2012-2014 fl-Istati Membri mingħajr evalwazzjoni sistematika**[15]




Kif jidher fl-Illustrazzjoni 7, b'mod ġenerali 86 % tal-istabbilimenti ta' livell ogħla ġew spezzjonati mill-inqas darba matul il-perjodu ta' rappurtar. Għalkemm l-Illustrazzjoni 6 tindika li xi Stati Membri jidhru li għandhom diffikultajiet biex jilħqu l-mira annwali tagħhom, l-Illustrazzjoni 7, li tinkludi wkoll l-Istati Membri li japplikaw sistema ta'

---

[16] Xi Stati Membri rrappurtaw sistemi mħallta, eż. skont l-approċċ reġjonali. Għall-fini ta' dan ir-rapport, dawn l-Istati Membri tqisu daqslikieku japplikaw evalwazzjoni sistematika.

evalwazzjoni sistematika, tissuġġerixxi li l-istabbilimenti ta' livell ogħla jiġu spezzjonati mill-inqas darba b'intervalli regolari fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Barra minn hekk, dan jinvolvi titjib meta mqabbel mal-perjodi ta' rappurtar preċedenti (2006-2008: 66%, 2009-2011: 65 %).

**Illustrazzjoni 7: L-istabbilimenti ta' livell ogħla li jiġu spezzjonati mill-inqas darba matul il-perjodu 2012-2014[15,]**




Id-Direttiva Seveso II ma tistabilixxix frekwenza obbligatorja għall-ispezzjonijiet fl-istabbilimenti ta' livell aktar baxx. L-Istati Membri kollha rrappurtaw li huma jispezzjonaw ukoll l-istabbilimenti ta' livell aktar baxx matul il-perjodu ta' rappurtar. Madankollu, b'77 %, ir-rata ġenerali ta' spezzjonijiet hija inqas mir-rata ta' spezzjonijiet għall-istabbilimenti ta' livell ogħla. L-Istati Membri ma tawx raġunijiet għar-rati ta' spezzjoni baxxi fil-LTE, iżda wieħed jista' jassumi li huma simili għal dawk tal-UTE. Fuq nota pożittiva, dan jinvolvi titjib sinifikanti meta mqabbel mat-42 % spezzjonati matul il-perjodu ta' rappurtar preċedenti 2009-2011.

**Illustrazzjoni 8: L-istabbilimenti ta' livell aktar baxx li jiġu spezzjonati mill-inqas darba matul il-perjodu 2012-2014**[15]




Minkejja li sar progress notevoli meta mqabbel mal-perjodi ta' rappurtar preċedenti u li qed jiżdied l-għadd ta' spezzjonijiet (Illustrazzjoni 9), f'bosta Stati Membri s-sitwazzjoni dwar l-ispezzjonijiet għadha mhix kompletament sodisfaċenti. Madankollu, wieħed jista' jassumi li l-livell osservat ta' konformità tal-istabbilimenti mar-rekwiżiti tad-Direttiva Seveso II huwa parzjalment minħabba r-reġim ta' spezzjoni rigoruż mitlub mid-Direttiva.

**Illustrazzjoni 9: Evoluzzjoni tal-għadd ta' spezzjonijiet irrappurtati**




Sabiex titjieb aktar is-sitwazzjoni, id-Direttiva Seveso II introduċiet rekwiżiti aktar ċari dwar l-ispezzjoni li fost l-oħrajn jistabbilixxu perjodu ta' żmien anke għall-istabbilimenti

ta' livell aktar baxx (tal-inqas kull tliet snin), li jiċċaraw id-dispożizzjonijiet dwar il-pjanijiet ta' spezzjoni u l-evalwazzjonijiet sistematiċi kif ukoll l-obbligu għal spezzjonijiet mhux ta' rutina pereżempju wara lmenti serji jew kważi inċidenti[17].

## 3. STATISTIKA DWAR L-INĊIDENTI L-KBAR MAGĦMULA EMARS

L-għadd ta' inċidenti kbar huwa wieħed mill-indikaturi ewlenin li bih titkejjel il-prestazzjoni tad-Direttiva Seveso II u l-għan tagħha li tipprevjeni l-inċidenti kbar. Madankollu, minnha nnifisha din l-illustrazzjoni mhix sinifikanti, għax iridu jitqiesu fatturi oħra li jinfluwenzaw il-valutazzjoni, bħall-għadd dejjem akbar ta' stabbilimenti jew l-impatt (fuq is-saħħa, l-ambjent, l-ekonomija) tal-inċidenti. B'mod partikolari għall-aħħar fattur ftit hemm data disponibbli, u b'hekk hija limitata l-possibbiltà li tiġi vvalutata s-sitwazzjoni. Fl-aħħar nett, l-għadd relattivament baxx ta' inċidenti komparabbli ma' kawżi u impatti simili ma jippermettix li jinsiltu konklużjonijiet sodi.

**Illustrazzjoni 10: Għadd ta' inċidenti kbar li mill-inqas jissodisfaw wieħed mill-kriterji tal-Anness VI matul il-perjodu 2000-2014**[18]




Bejn l-2000 u l-2014 fil-bażi tad-data eMARS kienu rrappurtati total ta' 490 inċident. 421 minnhom kienu inċidenti kbar li mill-inqas jissodisfaw wieħed mill-kriterji tal-

[17] Il-kważi inċidenti huma, pereżempju, inċidenti rilevanti serji ta' sikurezza li ma jwasslux għal inċident għax is-sitwazzjoni ġiet eventwalment ikkontrollata.

[18] Din il-graff turi biss l-UTE għaliex l-għadd ta' LTE huwa disponibbli biss mill-perjodu tar-rappurtar 2009-2011, kif ġie spjegat aktar 'il fuq f'dan ir-rapport. Madankollu, wieħed jista' jassumi li fil-verità l-inklużjoni tal-LTE ma tbiddilx l-istampa ġenerali, peress li ż-żieda tal-LTE u tal-UTE kienet fil-biċċa l-kbira simili matul is-snin. Ma teżistix data affidabbli statistikament dwar l-inċidenti qabel l-1991.

Anness VI[19] tad-Direttiva Seveso II. Dan ifisser li jseħħu medja ta' 30 inċident kbir fis-sena. Madwar 70 % tal-inċidenti l-kbar seħħew fi stabbilimenti ta' livell ogħla. Kif wieħed jista' jara fl-Illustrazzjoni 10, b'mod ġenerali, l-għadd ta' inċidenti kbar baqa' relattivament stabbli minkejja ż-żieda fl-għadd ta' siti koperti bid-Direttiva Seveso II. Barra minn hekk, l-Illustrazzjoni 11 tissuġġerixxi tnaqqis fl-għadd ta' fatalitajiet mill-2000, li jista' jindika tnaqqis fl-impatt tal-inċidenti. Huwa inkoraġġanti li wara l-2004 ma ġiet irrappurata l-ebda fatalità barra mill-istabbilimenti.

**Illustrazzjoni 11: Għadd ta' fatalitajiet fl-istabbilimenti u barra mill-istabbilimenti matul il-perjodu 2000-2014**




Ir-raġunijiet għaliex jiġu rrappurtati l-inċidenti l-kbar ma nbidlux ħafna matul is-snin. Fost il-fenomeni perikolużi relatati mal-inċidenti rrappurtati, jidher li l-aktar wieħed frekwenti huwa r-rilaxx ta' sustanzi tossiċi. Dan huwa marbut mal-fatt li l-biċċa l-kbira tal-inċidenti jinvolvu sustanzi tossiċi u/jew sustanzi fjammabbli. Jekk jitqiesu wkoll l-għadd ta' stabbilimenti, id-data miġbura turi li s-setturi petrokimiċi u tar-raffineriji tażżejt huma l-aktar esposti għall-inċidenti l-kbar.

[19] Għas-simplifikazzjoni editorjali, għall-fini ta' dan il-kapitolu, it-terminu "inċident kbir" tirreferi għall-421 inċident li ġew irrapurtati li mill-inqas jissodisfaw kriterju wieħed tal-Anness VI. Għall-inċidenti rrappurtati l-oħra mhux possibbli li jiġi faċilment stabbilit jekk dawn jikkostitwixxux inċidenti kbar jew inċidenti ta' tip ieħor li ġew irrapurtati fuq bażi volontarja, pereżempju biex wieħed jitgħallem għall-futur.

**Illustrazzjoni 12: Raġunijiet għar-rappurtar tal-inċidenti l-kbar f'eMARS għall-perjodu 2000–2014**[20, 21]




Il-bażi tad-data eMARS tinkludi informazzjoni limitata dwar il-konsegwenzi soċjoekonomiċi (eż. oġġetti mitlufa, ħsara ambjentali, telf ta' impjiegi, telf tar-reputazzjoni, impatt fit-tul fuq il-viċinat). 124 biss mill-490 inċident irrappurtat jinkludu, sa ċertu punt, din id-data. Tipikament, l-informazzjoni hija limitata għall-impatt immedjat (eż. it-telf assigurat) u ma tqisx l-impatti usa' jew fit-tul (eż. it-telf ta' impjiegi, il-ħsara ambjentali). Informazzjoni aktar sostanzjali dwar il-konsegwenzi soċjoekonomiċi hija disponibbli pubblikament biss għal għadd żgħir ta' inċidenti kbar eċċezzjonali. Il-Health and Safety Executive tar-Renju Unit żviluppa metodoloġija għall-immudellar tal-konsegwenzi ekonomiċi ta' ċerti impatti ta' inċident kbir[22]. Għalkemm din il-metodoloġija teskludi ċerti impatti importanti (inkluż il-ħsara ambjentali), l-applikazzjoni ta' dan l-approċċ fl-Unjoni Ewropea tħalli impatt finanzjarju annwali ta' diversi biljuni ta' euro. Għalkemm l-għarfien imtejjeb tal-konsegwenzi soċjoekonomiċi jista' jkun utli biex dak li jkun jifhem aħjar l-impatt u l-benefiċċji tal-qafas leġiżlattiv, dan ikun jinvolvi sforz sinifikanti biex tinġabar din l-informazzjoni b'mod aktar sistematiku.

---

[20] It-total tal-għadd ta' raġunijiet huwa ogħla mill-għadd totali ta' inċidenti rrappurtati peress li inċident jista' jissodisfa diversi raġunijiet.

[21] Il-kriterji wara r-raġunijiet li jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Raġuni 1: Sustanzi involuti: aktar minn 5 % tal-kwantità fil-kolonna 3 tal-Anness I;
- Raġuni 2: Ħsara lil persuni: >= fatalità waħda, >= 6 li ttieħdu l-isptar eċċ.;
- Raġuni 3: Ħsara immedjata lill-ambjent (skont l-Anness VI);
- Raġuni 4: Ħsara lill-proprjetà: fl-istabbiliment >2M EUR, barra mis-sit > 0.5M EUR;
- Raġuni 5: Ħsara transfruntiera: inċidenti transfruntiera;
- Raġuni 6: Interessanti biex wieħed jitgħallem għall-futur

[22] http://www.hse.gov.uk/research/rrhtm/rr1055.htm

## 4. Konklużjonijiet u l-passi li jmiss

Meta wieħed iqis ir-rata għolja ħafna ta' industrijalizzazzjoni fl-Unjoni Ewropea, id-Direttiva Seveso II wasslet biex tinkiseb frekwenza baxxa ta' inċidenti kbar. Ġeneralment id-Direttiva titqies bħala punt ta' referenza għall-politika tal-inċidenti industrijali u kienet mudell għal-leġiżlazzjoni f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja.

L-analiżi ta' hawn fuq tikkonferma li d-Direttiva Seveso II qed taħdem kif suppost. L-implimentazzjoni u l-infurzar b'mod prattiku tad-Direttiva Seveso II tjiebu aktar fil-biċċa l-kbira tal-oqsma, u b'mod partikolari l-operaturi tal-industrija ġeneralment qed jikkonformaw mar-rekwiżiti dwar ir-rapporti ta' sikurezza u l-pjanijiet ta' emerġenza interni. Madankollu, kif diġà ġie osservat għall-perjodi ta' rappurtar preċedenti, f'xi oqsma ta' għadd żgħir ta' Stati Membri għad hemm bżonn ta' aktar sforzi. Dan jikkonċerna b'mod partikolari l-iżvilupp u l-ittestjar tal-pjanijiet ta' emerġenza esterni, l-għoti ta' informazzjoni lill-pubbliku u l-ispezzjonijiet. Madankollu, jekk dawn in-nuqqasijiet setgħu żiedu r-riskju, ma hemm l-ebda evidenza li turi li dan diġà wassal għal rata ogħla ta' inċidenti kbar f'dawk l-Istati Membri.

Minkejja ż-żieda fl-għadd ta' stabbilimenti koperti bid-Direttiva Seveso II, b'mod ġenerali, l-għadd annwali ta' inċidenti kbar baqa' stabbli għal madwar 30 fis-sena u hemm indikazzjonijiet li l-impatt tagħhom qiegħed jonqos.

Is-sejbiet li jkopru l-perjodu ta' rappurtar preċedenti tqiesu mill-Kummissjoni fir-reviżjoni tad-Direttiva Seveso II, li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva Seveso III. Id-Direttiva l-ġdida ttejjeb id-dritt tal-pubbliku li jkun informat kif xieraq, billi tagħmel ċerti dispożizzjonijiet applikabbli għall-istabbilimenti ta' livell aktar baxx. Din tinkludi regoli dettaljati biex jiggarantixxu l-konsultazzjoni adegwata tal-pubbliku dwar proġetti individwali u tintroduċi dispożizzjonijiet aktar stretti dwar l-ispezzjonijiet. Għalhekk, il-konformità mad-Direttiva Seveso III mistennija li tikkontribwixxi għat-titjib meħtieġ enfasizzat f'dan ir-rapport.

Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-progress ta' dawn il-kwistjonijiet u se tkompli tgħin lill-Istati Membri biex itejbu ulterjorment il-livell ta' prestazzjoni tagħhom, permezz ta' diversi attivitajiet ta' sostenn u azzjoni ta' infurzar kif ikun xieraq.

Il-Kummissjoni se tkompli taħdem fuq is-simplifikazzjoni tal-proċess ta' rappurtar u b'hekk jitnaqqas il-piż amministrattiv filwaqt li jittejbu r-rilevanza u l-kwalità tad-data mnaqqsa mir-rapporti. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, se jiġu riveduti s-sistemi ta' monitoraġġ biex jiġu żviluppati indikaturi għall-monitoraġġ aħjar tal-implimentazzjoni u biex jiġi vvalutat ir-rendiment tad-Direttiva Seveso III.